**7 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Benjamin Sultana

*versus*

Giuseppe Sammut.

**Ritrattazzjoni —**

*Ir-rimedju provdu fl-Art. 828 (2) Kodiċi tal-Proċedura ma hux esklusiv tar-ritrattazzjoni jekk, fil-każ partikulari, ikunu jirrikkorru l-kondizzjonijiet rikjesti għaliha.*

*Anki l-kontumaċi jista jitlob ir-ritrattazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 1964 fejn hija riportata d-domanda tal-libellant u li biha ġiet revokata s-sentenza mogħtija mill-istess Bord fl-għaxra (10) ta' Settembru, 1963 fil-kawża fl-istess ismijiet fuq il-motiv illi f'dik is-sentenza l-Bord kien eċċeda l-ġurisdizzjoni tiegħu.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti li biha ġiet revokata s-sentenza fuq imsemmija tal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 1964, u l-kawża ġiet rinvjata lil dak il-Bord biex jiddeċidi fuq il-motivi l-oħra tar-ritrattazzjoni.

Rat is-sentenza ta' l-istess Bord tal-għaxra (10) ta' Settembru, 1964 li biha ġiet milqugħa t-talba, revokata s-sentenza ta' l-għaxra (10) ta' Settembru, 1963, u ġie ordnat li l-kawża tiġi trattata mill-ġdid wara li kkunsidra:—

Illi fuq il-motiv li dan il-Bord iddeċieda ultra petita, bir-rikors Nru. 264/63, Benjamin Sultana, wara li ppremetta li huwa kien jikri l-fond in kwistjoni lill-intimat u l-lokazzjoni kienet tiskadi fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963, talab li "dana l-Bord jogħġbu jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond lilhu mikri", u dana fuq il-motiv illi l-intimat kien qed jagħmel mill-fond usu divers minn dak li għalih kien ġie mikri. Bis-sentenza in eżami tal-għaxra (10) ta' Settembru, 1963 dan il-Bord fil-kontumaċja tal-intimat laqa t-talba u ta lill-intimat xahar żmien biex jiżgombra l-fond. Issa għalkemm id-domanda ut sic kienet għall-iżgumbrament tal-intimat siv et simpliciter, pero dina kellha tiftiehem illi dan il-Bord jawtorizza lir-rikorrent jieħu pussess tal-fond meta tagħlaq il-lokazzjoni fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963, għalhekk meta dan il-Bord impona terminu ta' xahar lill-intimat biex ibattal il-fond, li skond il-prinċipji ġenerali kellu jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza, u għalhekk jiskadi fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 1963 iddeċida oltre dak li kien ġie mitlub.

Illi għalhekk dik id-deċiżjoni hija revokabili.

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Sultana li bih appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata billi tiġi miċħuda t-talba magħmula bil-libell ta' l-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semghet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-ewwel ilment ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata huwa illi ma setgħax kien hemm kwistjoni ta' 'ultra petita' ġa la darba hu kien għamilha ċara fir-rikors tiegħu quddiem il-Bord għar-ripresa ta' pussess illi l-lokazzjoni kienet tiskadi fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963 u talab għat-termini tal-liġi l-iżgumbrament ta' l-intimat. Din kienet it-talba li l-Bord kien akkolja u għas-sens tagħha ta' lill-intimat xahar żmien għall-iżgumbrament. "Dan ifisser" — jisokta jgħid l-appellant — "skond il-loġika, skond il-liġi u skond il-bona fede li l-intimat kellu sas-sebgħa (7) ta' Diċembru, 1963 għall-iżgumbrament."

Il-Qorti tħoss illi appena jmiss lill-appellant li jinvoka "l-loġika" u "l-bona fede" kontra l-appellat. B'dak kollu li issa qed jissottometti fir-rikors ta' l-appell, kien hu li fis-sbatax (17) ta' Settembru, 1963, sebat ijiem wara li ngħatat is-sentenza ta' l-iżgumbrament, interpella lill-appellat biex sa l-għaxra (10) ta' Ottubru, 1963 jiżgombra mill-fond u wissieh li, nkella, jiżgombrah b'mandat. U, infatti, fis-sbatax ta' Ottubru, 1963, l-appellant ħareġ il-mandat ta' żgumbrament, appuntu għax ippretenda illi skond is-sentenza tal-Bord li ordnat l-iżgumbrament, l-appellat kellu jivvaka l-fond fi żmien xahar mid-data ta' l-istess sentenza.

Hu stess, mela l-appellant, fehem illi "skond il-liġi", kieku s-sentenza tal-Bord kellha tibqa sseħħ, l-appellat kien ikollu jisgombra fi żmien xahar minnha. Dan kien ikun l-effett legali tagħha. Intant l-appellant innifsu wkoll jirrikonoxxi illi l-lokazzjoni allura korrenti ma kienetx tiskadi qabel is-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963 u li kwindi t-talba tiegħu għar-ripreża ta' pussess ma setgħatx tkun

milqugħa b'effett minn qabel dik id-data. Intant, bis-saħħa tas-sentenza ta' l-iżgumbrament ġara illi l-appellant ġie mogħti iktar milli talab jew sata jitlob u legalment jottjeni u f'dan is-sens, kif sewwa rritjena l-Bord fis-sentenza issa appellata, din is-sentenza marret "ultra petitum."

Fis-sottomissjoni ta' l-appellant din kienet biss kwistjoni ta' "ambigwita" fl-ewwel sentenza tal-Bord li r-rimedju għaliha ma kienx ir-ritrattazzjoni iżda korrezzjoni li l-appellant messu talab kif provdut fl-artikolu 828(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Iżda, l-ewwelnett, fil-fehma tal-Qorti, ir-rimedju provdut minn dik id-disposizzjoni, ma hux esklusiv tar-ritrattazzjoni jekk, fil-każ partikolari, ikunu jirrikorru l-kondizzjonijiet rikjesti għaliha. Dik id-disposizzjoni tawtorizza lill-Qorti li tagħmel korrezzjoni tal-kliem tas-sentenza fil-każijiet hemm kontemplati, iżda ma teskludix li tista tintalab ir-ritrattazzjoni jekk fil-każ partikolari l-iżball inkors fis-sens ikun fil-fatt jikkostitwixxi "ex hypothesi" xi waħda mir-raġunijiet li fihom skond il-liġi tista tintalab ir-ritrattazzjoni u, purke sintendi, ikunu, kif intqal, jirrikorru, il-kondizzjonijiet l-oħra preskritti għaliha.

Fil-każ presenti, pero, il-Qorti anqas hi ta' fehma illi l-kwistjoni kienet waħda ta' xi "ambigwita" ta' kliem. Il-kliem ta' l-ewwel sentenza kien ċar u ma satax jiġi nterpretat mod ieħor minn dak li kien jgħid. Il-kwistjoni qamet mhux għaliex f'dik is-sentenza ntuża kliem li ma kienx ifisser dak li l-Bord ried jgħid, iżda għaliex, bi żball, il-Bord qal dak li ma setgħax jgħid jew ometta li jgħid dak li messu ntqal.

Fl-aħħarnett l-appellant jippretendi illi l-appellat ma għandux dritt għar-ritrattazzjoni una volta li kien volontarjament kontumaċi. Hu sata jappella: iżda la darba dan

ma għamlux, ma jistax — jgħid l-appellant — jirrikorri għar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni.

Il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġonament ta' l-appellant. Il-liġi fit-Titolu dwar ir-ritrattazzjoni, ma tagħmelx distinzjoni bejn konvenuti li dehru u kkontestaw il-kawża u konvenuti li baqgħu kontumaċi u ma tikkommina ebda dekadenza minn dak ir-rimedju kontra l-kontumaċi, sempliċement għal dik ir-raġuni. Talvolta jista jkun hemm limitazzjonijiet oħra nvoluti fil-kontumaċja skond disposizzjonijiet oħra tal-liġi iżda mhux l-esklużjoni tal-kontumaċi "a provi" minn dak ir-rimedju. Kif hu magħruf il-kontumaċja hija kontestazzjoni taċita u din hi anki r-raġuni għaliex il-kontumaċi jista jappella.

Anqas il-fatt li ma jkunx sar l-appell m'hu fih innifsu raġuni ta' esklużżjoni mir-ritrattazzjoni. Dak li l-liġi tipprovdi hu biss illi, fil-każ ta' talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza ta' Qorti ta' prim'istanza li tkun għaddiet f'ġudikat, jinħtieġ illi l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni tkun ġiet taf bil-fatti li jagħtu lok għaliha wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell. Naturalment jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jagħtu lok għaliha meta hi, kienet għada tista utilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-appell, hu sewwa li hi ma tkunx tista tiġi ammessa li teżerċita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. Iżda fil-każ presenti ma ġie bl-ebda mod pruvat illi l-appellat ġie jaf bl-iżball fis-sentenza, qabel ma rċeva l-ittri ġa msemmija mibgħuta (forsi mhux għal kollox b'kumbinazzjoni) sebat ijiem wara s-sentenza u ċioe wara li ż-żmien għall-appell kien għalaq. Anqas jista jingħad, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellat sata jkun jaf b'dawk il-fatti qabel, kieku ma baqax kontumaċi, għaliex il-kliem li tuża l-liġi huwa "ikun ġie jaf" ("has come to his knowledge")

mhux, kif użat f'ċerti kontesti oħra, il-kliem "sata jkun jaf": u l-kwistjoni hi allura waħda ta' fatt u provi dipendenti miċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Bord għall-kontinwazzjoni.